MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Talba Numru. 1115/2005

**Micallef Raymond (ID 153363M)**

**Vs**

**Micallef Rita**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Mejju 2005 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm411 (erba` mija u hdax-il Lira Maltin) dovuti ghal arretrati ta' taxxa.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-attur permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 8 ta' Mejju 2003, hawn esebit u mmarkat bhala Dokument A, issepara mill-intimata.

Illi ai termini tal-kuntratt ta’ separazzjoni folio sebgha (7) tal-istess kuntratt klawsola (e) gie patwit illi mid-data tas-separazzjoni kull parti kellha tkun obbligata tissottometti ‘Income Tax Return’ separatament.

Illi kuntrarjament ghal dak espress f’dan l-artikolu, l-intimata qed issostni illi kull hlas ta’ taxxa antecedenti kien a kariku tal-attur kif dettaljat fl-ittra legali hawn esebita u mmarkata Dokument B.

Illi l-attur ircieva intimazzjoni mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghall-hlas ta’ arretrati ta’ Taxxa tirrisali ghal meta l-partijiet kienu mizzewgin u meta huma kienu jikkompilaw r-‘return’ tat-taxxa konguntivament.

Illi l-attur informa l-intimata b’dan il-kont tal-arretrati u gie mitlub jinnegozja mad-Dipartiment tat-Taxxi bl-approvazzjoni tal-intimata u nfatti wasal sabiex ikkonkluda ftehim (Dokument C u D hawn esebiti).

Illi ghalhekk l-arretrati dovuti minn entrambi l-konjugi jammontaw ghal Lm822, pagabbli f’rati ta’ Lm27 ghal 30 xahar mill-1 ta’ Mejju 2004.

Illi l-attur interpella l-intimata thallas is-sehem taghha ammontanti ghal Lm411 pagabbli f’rati ta’ Lm13.50 mensili ghal 30 xahar izda baqghet inadempjenti.

Illi nonostanti korrispondenza varja hawn esebita u mmarkata Dokumenti E, F, G, H, I, J, K, u L, l-intimata baqghet ostinament tiddekadi mill-obbligu taghha u tinterpreta l-kuntratt erronjament.

Ghaldaqstant l-attur jitlob li dan it-Tribunal:

1. jiddikjara l-intima responsabbli ghall-hlas tal-arretrati ta’ taxxa fl-ammont ta’ Lm411 stante illi t-taxxa kienet giet iddikjarata konguntivament mill-partijiet illi t-tnejn kienu jahdmu u jaqilghu introitu.
2. jiddikjara l-intimata thallas is-somma ta’ Lm411 lill-attur anke jekk jkun il-hlas tal-istess somma f’ammonti in linja mal-pagamenti mensili dovuti lid-Dipartiment tat-

Taxxi Interni skond Dokument C u D izda bl-ordni li thallas u tirrimborsa kull pagament maghmul mill-attur ghan-nom taghha lid-Dipartiment sad-data tas-sentenza.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li t-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar m'ghandux gurisdizzjoni biex jinterpreta kuntratti ta' separazzjoni bejn il-kontndenti u dan skond Legal Notice numru 397/2003.
2. Illi l-kontendenti sseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni tat-8 ta' Mejju 2003 fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument “A”.
3. Illi a termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni l-konvenuta assumiet id-dejn hemm elenkat u ghalhekk kull dejn iehor li kien jispetta lill-attur u/jew lil komunjoni tal-akkwisti kien a kariku tal-istess attur.
4. Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni baghat kont ta' hlas ta' taxxa lill-attur u ghalhekk id-dejn li ghandu l-attur mal-istess Kummissarju tat-Taxxa huwa tieghu u mhux tal-konvenuta.
5. Illi l-konvetua ai termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi ftehmet li hija responsabbli ghad-dejn kollu li hija taghmel minn dik il-gurnata ta' separazzjoni 'l quddiem u ghalhekk kull dejn antecedenti tal-komunjoni tal-akkwisti salv dak li kien hemm indikat fl-istess kuntratt huwa a kariku tal-istess attur.
6. Illi mhux minnu li hija ghandha taghti xi haga lil zewgha l-attur kif minnu pretiz u ghalhekk ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.
7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra t-talba tal-partijiet sabiex tinghata sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet.

Sema l-konsulenti legali.

Ikkonsidra:

Illi l-konvenuta qed teccipixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal sabiex jinvestiga u jinterpreta kuntratt ta' seprazzjoni bejn il-kontendenti stante illi dan it-Tribuanl mhux il-forum propju ghal dawn it-talbiet simili izda kellha tkun il-Qorti tal-Familja.

Ikkonsidra:

Illi l-pendenza bejn il-partijiet hija t-talba ta' l-attur sabiex jitlob rifuzjoni ta' hlas ta' taxxa minnu dovuta waqt li kienu ghadhom mizzewgin il-partijiet li sussegwentement ikkonkludew iz-zwieg taghhom b'firda personali permezz ta' kuntratt datat 8 ta' Mejju 2003 fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia.

L-attur qed jikkontendi illi l-kont tat-taxxa li rcieva imur ghaz-zmien ta' meta kienu ghadhom mizzewgin. Din il-materja m'hijiex provduta fl-istess kuntratt allura n-nuqqas ta' pagament da parti tal-konvenuta martu huwa pproceda quddiem dan it-Tribunal.

Da parti taghha l-konvenuta tallega illi l-istess Tribunal m'ghandux gurisdizjoni biex joqghod jezamina kuntratti simili, dritt li jispetta lill-Qorti tal-Familja u mhux lilu.

Illi l-kwistjonijiet tal-gurisdizzjonijiet o meno ta' dan it-Tribunal tqajjmet diversi drabi quddiem dan it-Tribunal u di fatti hemm diversi sentenzi sia taghha u sia tal-Qorti tal-Appell dwar il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

Il-kompetenza tat-Tribunal giet stabbilita bil-Kap 380 ossia bl-Att 5 tal-1995 li jkollu gurisdizzjoni biex jisma' talbiet ghall-hlas ta' flus sas-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1,500).

Illi l-konvenuta tinvoka l-Avviz Legali 397 tal-2003 u precizament l-Artiklu 9 subinciz 1 C u D sabiex tiggustifika l-opposizzjoni taghha. Dan l-avviz legali jaghmilha tassativa lil xi parti li tkun trid tibdel xi haga regolata minn xi sentenza jew kuntratt ta' firda personali bejn il-partijiet li jirrinkorri lejn il-Qorti tal-Familja.

L-Artiklu 9 subinciz D jghid illi “materji ta’ kustodja, menteniment u access ta’ l-ulied ghandhom jigu rimessi lill-Qorti tal-Familja”. It-talba attrici odjerna zgur ma tinkwadrax ruhha f’xi wahda minn dawn l-eccezzjoni giet ghax l-attur qed jitlob m’ghand il-konvenuta sehemha ta’ taxxa li wehel meta kien ghadu mizzewweg lilha qabel ma ffirmaw il-kuntratt ta’ firda personali.

Il-konvenuta tallega ukoll li sabiex it-Tribunal ikun jista’ jasal ghal-decisjoni bil-fors irid jinterpreta dan il-kuntratt. It-Tribunal jaghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta’ Frar 2004 fl-ismijiet “Avukat Dr Damian Damian Von Schembri vs Miriam Mintoff” (Avviz Nru 2503/02) fejn fost affarijiet ohra l-istess Qorti tal-Appell eradikat il-gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal anki fejn ikun hemm bzonn ta’ xi nvestigazzjoni jew interpretazzjoni ta’ xi dokumenti ancor che t-talba tkun limitata ghall-pagament ta’ xi ammont ta’ flus ta’ mhux aktar minn elf u hames mitt lira (Lm1,500). L-importanti huwa li jkun hemm din it-talba ghall-pagament u xejn iktar.

L-istess Qorti tal-Appell tat ezempju fis-sens illi fejn f’kaz ta’ kollizzjoni, illi llum ghalkemm m’ghadhiex kompetenza ta’ dan it-Tribunal, it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ ammont ta’ danni kien ikollu bil-fors jiddikjara ruhu fuq ir-responsabbilta` o meno jew tal-konvenut jew tal-attur jew tat-tnejn li huma. B’daqsekk il-fatt illi t-talba ghall-hlas kienet tkun dipendenti u sussidjarja ghad-dikjarazzjoni ta’ responsabbilta` ma jfissirx illi sabiex jaghti decizjoni fuq ir-responsabbilta` allura ma kienx ikun kompetenti sabiex eventwalment jikkundanna l-pagament li talvolta jkun dovut mill-konvenut.

Jiddecidi ghalhekk sabiex fil-waqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, jordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.

Spejjez riservati ghall-gjudizju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------